31993L0037

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/37/KEE

ta' l-14 ta' Ġunju 1993

li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 57(2), 66 u 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 71/305/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 li tikkonċerna l-koordinanament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi (4) ġiet emendata sostanzjalment u f'numru ta' okkażjonijiet, għal raġunijiet ta' ċarezza u ftehim aħjar, id-Direttiva msemmija għandha tkun ikkonsolidata;

Billi l-ksib simultanju tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li tipprovdi servizz li għandu x'jaqsam mal-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi mogħtija fi Stati Membri f'isem l-Istat, jew l-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew korpi oħra mmexxija mil-liġi pubblika jinvolvi mhux biss t-tneħħija ta' restrizzjonijiet imma wkoll il-koordinament ta' proċeduri nazzjonali għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi;

Billi koordinament bħal dan għandu jikkunsidra bl-aktar mod possibbli l-proċeduri u prattiċi amministrattivi fis-seħħ f'kull Stat Membru;

Billi din id-Direttiva ma tapplikax għal ċerti xogħlijiet pubbliċi li huma mogħtija fis-setturi tal-ilma, enerġija, trasport u telekomunikazzjoni koperti bid-Direttiva 90/531/KEE;

Billi, bil-ħsieb li titkabbar l-importanza tal-kuntratti ta' konċessjoni fil-kamp tax-xogħlijiet pubbliċi u fin-natura speċifika tagħhom, ir-regoli li jikkonċernaw ir-riklami għandhom jiġu inklużi f'din id-Direttiva;

Billi kuntratti ta' xogħlijiet ta' anqas minn ECU 5 000 000 jistgħu jiġu eżentati mill-kompetizzjoni kif ipprovdut f'din id-Direttiva u huwa xieraq li jiġi eżentat mill-miżuri ta' koordinament;

Billi għandhom isiru dispożizzjonijiet għal każi eċċezzjonali meta miżuri li jikkonċernaw il-koordinament tal-proċeduri jistgħu ma jiġux applikati, imma każi bħal dawn għandhom jiġu espressament illimitati;

Billi l-proċedura nnegozjata għandha tiġi kunsidrata bħala eċċezzjonali u għalhekk applikabbli biss f'ċerti każi limitati;

Billi huwa meħtieġ li jiġu pprovduti regoli komuni fil-kamp tekniku li jikkunsidraw il-politika tal-Komunità dwar standards u speċifikazzjonijiet;

Billi, biex jiġi assigurat progress ta' kompetizzjoni effettiva fil-kamp ta' kuntratti pubbliċi, huwa meħtieġ li avviżi ta' kuntratti magħmula minn awtoritajiet ta' kuntrattar ta' l-Istati Membri jiġu rriklamati fil-Komunità; billi l-informazzjoni f'dawn l-avviżi għandha tagħti l-opportunità lill-kuntratturi stabbiliti fil-Komunità li jiddeċiedu jekk il-kuntratti proposti huma ta' interess għalihom; billi, għal dan il-għan, huwa xieraq li tingħatalhom informazzjoni adekwata dwar ix-xogħol li jsir u l-kondizzjonijiet li jġib miegħu; billi, b'mod aktar partikolari, fi proċeduri ristretti r-riklamar huwa intiż biex jagħti l-opportunità lill-kuntratturi tal-Istati Membri li jesprimu l-interess tagħhom fil-kuntratti billi jfittxu stediniet mill-awtoritajiet tal-kuntratti biex joħorġu offerti fil-kondizzjonijiet mitluba;

Billi informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna l-kuntratti għandha, kif inhu solitu fl-Istati Membri, tingħata fid-dokumenti tal-kuntratt għal kull kuntratt jew inkella f'dokument ekwivalenti;

Billi huwa neċessarju li jiġu pprovduti regoli komuni għal parteċipazzjoni f'kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, inkluż kemm

(1) ĠU C 46, ta' l-20.2.1992, p. 79.
(2) ĠU C 125, tat-18.5.1992, p. 171 u ĠU C 305, tat-23.11.1992, p. 73
(3) ĠU C 106, tas-27.4.1992, p. 11.
(4) ĠU L 185, tas-16.8.1971, p. 15; id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/531/KEE (ĠU L 297, tad-29.10.1990, p. 1).

il-kriterju kwalitattiv ta' għażla u kemm il-kriterju għall-għoti tal-kuntratt;

Billi jkun xieraq li jingħata ċ-ċans li ċerti kondizzjonijiet tekniċi li jikkonċernaw avviżi u rapporti statistiċi mitluba minn din id-Direttiva jiġu adottati fid-dawl tal-bdil tal-bżonnijiet tekniċi; billi l-Anness II ma' din id-Direttiva jirreferi għall-Klassifikazzjoni Industrijali Ġenerali tal-Attivitajiet Ekonomiċi fi ħdan il-Komunità Ewropea (NACE); billi l-Komunità tista', jekk meħtieġ, tirrevedi u tibdel in-nomeniklatura komuni tagħha u billi huwa meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet għal possibiltà li tiġi adottata r-referenza magħmula lin-nomenklatura NACE fl-Anness II msemmi;

Billi din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-obbligi li jikkonċernaw iż-żmien ta' għeluq ta' l-Istati Membri għat-transpożizzjoni fil-liġi nazzjonali u għall-applikazzjoni indikata fl-Anness VII,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IT-TITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

L-Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Direttva:

(a) "kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi" ifissru kuntratti għal interess tal-flus konkluži bil-kitba bejn il-kuntrattur u l-awtorità ta' kuntrattar kif definit f'(b), li għandhom bħala għan tagħhom jew l-attwazzjoni, jew l-attwazzjoni u d-disinn, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet msemmija fl-Anness II jew xogħol definit f'(ċ) taħt, jew l-attwazzjoni, b'kull mod, ta' xogħol li jikkorrispondi mal-kondizzjonijiet speċifikati mill-awtorità ta' kuntrattar;

(b) "awtoritajiet ta' kuntrattar" għandhom ikunu l-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali, korpi mmexxija mill-liġi pubblika, assoċjazzjonijiet iffurmati minn waħda jew aktar awtoritajiet jew korpi mmexxija mil-liġi pubblika;

"Korp mmexxi mil-liġi pubblika" ifisser kwalunke korp:

— stabbilit bl-għan speċifiku li jaqdi l-bżonnijiet fl-interess ġenerali, mingħajr ma jkollu karatteristika industrijali jew kummerċjali, u

— jkollu personalità legali, u

— iffinanzjat, fil-parti l-kbira, mill-Istat, jew l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra mmexxija mil-liġi pubblika, jew suġġett għal superviżjoni maniġerjali minn dawk il-korpi, jew li jkollu bord amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza, li aktar minn nofs il-membri tiegħu ikunu magħżula mill-Istat, mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew minn korpi oħra mmexxija mill-liġi pubblika;Il-listi ta' korpi u kategoriji ta'

korpi mmexxija mil-liġi pubblika li jaqblu mal-kriterja msemmija fit-tieni sottoparagrafu jinsabu fl-Anness I. Dawn il-listi għandhom ikunu eżawrjenti bl-aktar mod possibbli u jistgħu jiġu reveduti bi qbil mal-proċedura stabbiliti fl-Artikolu 35. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom javżaw perjodikament lill-Kummissjoni b'kull bdil fil-listi ta' korpi jew kategoriji ta' korpi tagħhom;

(ċ) "xogħol" ifisser ir-riżultat ta' bini jew inġinerija ċivili, xogħlijiet kunsidrati bħala waħda li jilħqu funzjoni ekonomika u teknika;

(d) "konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi" huwa kuntratt ta' l-istess tip bħal dak indikat f'(a) bl-eċċezzjoni tal-fatt li l-konsiderazzjoni biex isiru x-xogħlijiet tikkonsisti jew biss fid-dritt li jesplojtja l-kostruzzjoni jew bħal dan id-dritt flimkien mal-ħlas;

(e) "proċeduri miftuħa" huma dawn il-proċeduri nazzjonali fejn il-kuntratturi kollha interessati jistgħu jissottomettu offerti;

(f) "proċeduri ristretti" huma dawn il-proċeduri nazzjonali fejn biss dawk il-kuntratturi mistiedna mill-awtroitajiet ta' kuntrattar jistgħu jissottomettu offerti;

(g) "proċeduri negozjati" huma dawk il-proċeduri nazzjonali fejn l-awtoritajiet ta' kuntrattar jikkonsultaw kuntratturi tal-għażla tagħhom u jinnegozjaw it-termini tal-kuntratt ma' wieħed jew aktar minnhom;

(h) kuntrattur li jissottometti offerta se jingħata t-terminu ta' dak li jagħmel l-offerta u wieħed li fittex stedina biex jieħu sehem fil-proċeduri ristretti jew negozjati se jingħata t-terminu ta' "kandidat".

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jaraw li l-awtoritajiet ta' kuntrattar jaqblu jew jasssiguraw li jkun hemm qbil ma' din id-Direttiva meta huma jissussidjaw direttament b'aktar minn 50 % kuntratt tax-xogħlijiet mogħti minn entità apparti minnhom infushom.

2. Il-paragrafu 1 għandu jikkonċerna biss kuntratti koperti mill-Klassi 50, il-Grupp 502, tal-klassifikazzjoni industrijali ġenerali ta'

l-attivitajiet ekonomiċi fi ħdan in-nomeklatura tal-Komunità Ewropea (NACE) u kuntratti relatati ma' xogħol ta' bini għal sptarijiet, faċilitajiet intiżi għal *sports*, rekreazzjoni u divertiment, skejjel u universitajiet u bini użat għal skopijiet amministrattivi.

L-Artikolu 3

1. Jekk awtoritajiet ta' kuntrattar jagħlqu kuntratt ta' konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi, ir-regoli ta' riklamar kif deskritti fl-Artikolu 11(3), (6), (7) u (9) sa (13), u l-Artikolu 15, għandhom japplikaw għal dak il-kuntratt meta l-valur ma jkunx anqas minn ECU 5 000 000.

2. L-awtorità ta' kuntrattar tista':

— jew teħtieġ il-konċessjonarju biex jagħti l-kuntratti li jirrappreżentaw minimu ta' 30 % tal-valur totali tax-xogħol li għalih il-kuntratt ta' konċessjoni jkun se jingħata, lil parti terza, fl-istess ħin tipprovdi xelta għal kandidati biex iżidu dan il-persentaġġ. Dan il-persentaġġ minimu għandu jkun speċifikat fil-kuntratt ta' konċessjoni,

— jew titlob lill-kandidati l-kuntratti ta' konċessjoni biex jispeċifikaw fl-offerti tagħhom il-perċentaġġ, jekk hemm, tal-valur totali tax-xogħol li għalih se jkun mogħti l-kuntratt ta' konċessjoni li huma intenzjonati li jagħtu lil parti terza.

3. Meta l-konċessjonarju huwa stess l-awtorità ta' kuntrattar, kif msemmi fl-Artikolu 1(b), huwa għandu jaqbel mal-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fil-każ tax-xogħlijiet magħmula minn parti terza.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jaraw li konċessjonarju li mhux l-awtorità ta' kuntrattar għandu japplika r-regoli tar-riklamar stabbiliti fl-Artikolu 11(4), (6), (7) u (9) sa (13), u fl-Artikolu 16, fl-aspett tal-kuntratti li huwa jagħti lil parti terza meta l-valur tal-kuntratti ma jkunx anqas minn ECU 5 000 000. Riklam mhux, però, meħtieġ meta kuntratti ta' xogħlijiet jaqblu mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(3).

Intrapriżi li ffurmaw grupp biex jiksbu kuntratt ta' konċessjoni, jew intrapriżi affiljati magħhom, mhux sejrin jiġu kkunsidrati bħala parti terza.

"Intrapriża affiljata" hija kwalsijasi intrapriża li fuqha l-konċessjonarju jista' jeżerċita, direttament jew indirettament, influwenza dominanti jew li tista' teżerċita influwenza dominanti fuq il-konċessjonarju jew li, flimkien mal-konċessjonarju, tkun suġġetta għall-influwenza dominanti ta' intrapriża oħra minħabba t-tmexxija u l-parteċipazzjoni finanzjarja tagħha jew minħabba r-regoli li jmexxuha. Influwenza dominanti min-naħa ta' l-intrapriża għandha tkun preżumibbli meta, direttament jew indirettament f'relazzjoni ma intrapriża oħra, hija:

— jkollha l-parti l-kbira tal-kapital sottoskritt ta' l-intrapriża, jew

— tikkontrolla l-maġġoranza tal-voti marbuta ma' ishma maħruġa mill-intrapriża, jew

— tista' tagħżel aktar minn nofs il-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza ta' l-intrapriża.

Lista komprensiva ta' l-intrapriżi għandha tkun marbuta mal-kandidatura għal konċessjoni. Din il-lista trid tinżamm aġġornata wara li jkun hemm xi bidliet fir-relazzjoni bejn l-intrapriżi.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) kuntratti mogħtija fl-oqsma msemmija fl-Artikoli 2, 7, 8 u 9 tad-Direttiva 90/531/KEE jew li jaqblu mal-kondizzjonijiet fl-Artikolu 6(2) ta' dik id-Direttiva;

(b) kuntratti ta' xogħlijiet li huma ddikjarati sigrieti jew li l-attwazzjoni tagħhom trid tkun akkumpanjata minn miżuri speċjali ta' sigurtà bi qbil mal-liġijiet, mar-regoli jew mad-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat jew meta tkun meħtieġa l-protezzjoni bażika ta' l-interessi tas-sigurtà tal-Istat Membru.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva ma tapplikax għal kuntratti pubbliċi mmexxija minn regoli proċedurali differenti u mogħtija:

(a) waqt ftehim internazzjonali, konkluż bi qbil mat-Trattat, bejn Stat Membru u pajjiż wieħed jew aktar mhux-membru u li jkopri xogħlijiet intiżi għall-implimentazzjoni jew għall-esplojtazzjoni flimkien tal-proġett mill-Istati li jiffirmawh; il-ftehim kollu għandu jkun ikkomunikat lill-Kummissjoni, li tista' tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi stabbilit bid-Deċiżjoni 71/306/KEE [1];

(b) lil intrapriżi fi Stat Membru jew f'pajjiż mhux-membru waqt ftehim internazzjonali relatat ma' l-istazzjonar tat-truppi;

(ċ) waqt proċedura partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali.

[1] ĠU L 185, tas-16.8.1971, p. 15; id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 77/63/KEE (ĠU L 13, tal-15.1.1977, p.15).

L-Artikolu 6

1. Il-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi li l-istima tal-valur nett tagħhom ma tkunx anqas minn ECU 5 000 000.

2. (a) Il-valur bażiku tal-valuri tal-muniti nazzjonali għandu jiġi normalment rivedut kull sentejn b'effett mill-1 ta' Jannar 1992. Il-kalkolazzjoni ta' dan il-valur għandha tkun ibbażata fuq il-valur medju ta' kuljum ta' dawn il-muniti espressi f'ecus matul l-24 xahar li jispiċċaw fl-aħħar ġurnata ta' Awissu ta' qabel ir-reviżjoni tal-1 ta' Jannar. Il-valuri tal-kambju għandu jkunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fil-bidu ta' Novembru.

(b) Il-metodu ta' kalkolazzjoni stabbilit fis-sottoparagrafu (a) għandu jkun rivedut, fuq proposta tal-Kummissjoni, mill-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi sentejn wara l-applikazzjoni tal-bidu.

3. Meta xogħol ikun maqsum f'diversi lottijiet, b'kuntratt għal kull wieħed, il-valur ta' kull lott għandu jittieħed f'akkont għall-kalkolazzjoni ta' l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1. Meta il-valur globali tal-lottijiet huwa anqas minn l-ammont msemmi fil-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu għandhom japplikaw għal-lottijiet kollha. L-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom ikollhom il-permess li jitbiegħdu mid-dispożizzjonijiet għal-lottijiet li l-istima tal-valur nett ta' VAT tagħhom hija anqas minn ECU 1 000 000, basta li l-istima tal-valur totali tal-lottijiet kollha eżentati ma taqbiżx, konsegwentement, il-20 % ta' l-istima tal-valur totali tal-lottijiet kollha.

4. L-ebda xogħol jew kuntratt ma jista' janqasam bl-intenzjoni li jevita l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

5. Meta jiġu kkalkulati l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 7, għandu jittieħed akkont mhux biss ta' l-ammont tal-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi imma wkoll l-istima tal-valur tal-provvisti meħtieġa biex isir ix-xogħol mogħtija lil kuntrattur mill-awtorità ta' kuntrattar.

L-Artikolu 7

1. Meta jagħtu kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi l-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom japplikaw il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 1(e), (f) u (g), addattati għal din id-Direttiva.

2. L-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jagħtu l-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi tagħhom bil-proċedura negozjata, b'pubblikazzjoni qabel ta' avviż ta' kuntratt u wara li jkunu għażlu l-kandidati skond il-kriterju kwalitattiv magħruf pubblikament, fil-każi li ġejjin:

(a) fil-każ ta' offerti irregolari bħala risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta jew fil-każ ta' offerti li mhumiex aċċettabbli fil-dispożizzjonijiet nazzjonali li jaqblu mal-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, sakemm t-termini oriġinali tal-kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment. L-awtoritajiet ta' kuntrattar m'għandhomx, f'dawn il-każi, jippubblikaw avviż ta' kuntratt fejn huma jinkludu f'proċedura negozjata bħal din l-intraprizi kollha li jissodisfaw il-kriterju ta' l-Artikoli 24 sa 29 li, waqt il-proċedura miftuħa jew ristretta ta' qabel, issottomettew offerti bi qbil mat-talbiet formali tal-proċedura ta' offerti;

(b) meta x-xogħlijiet involuti jsiru purament għal skop ta' riċerka, esperiment jew progress, u mhux biex jistabbilixxu vijabbiltà kummerċjali jew biex jiġbru lura l-ispejjeż tar-riċerka u progress;

(ċ) f'każi eċċezzjonali, meta n-natura tax-xogħlijiet jew tar-riskji li jġibu magħhom ma jippermettux li jingħata prezz sħiħ minn qabel.

3. L-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jagħtu l-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi tagħhom permezz ta' proċedura innegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' l-avviż tal-kuntratt, fil-każi li ġejjin:

(a) fin-nuqqas ta' offerti jew ta' offerti adekwati bħala risposta għall-proċeduri miftuħa jew ristretti sakemm t-termini oriġinali tal-kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment u basta li rapport ikun ikkomunikat lill-Kummissjoni fuq it-talba tagħha;

(b) meta, minħabba raġunijiet tekniċi jew artistiċi jew għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' drittijiet esklussivi, ix-xogħlijiet jistgħu jsiru biss minn kuntrattur partikolari;

(ċ) sakemm ikun strettament meħtieġ meta, minħabba raġunijiet ta' urġenza estrema miġjuba minn avvenimenti mhux mistennija mill-awtoritajiet ta' kuntrattar f'dak il-każ, il-limitu taż-żmien stabbilit għall-proċeduri nnegozjati miftuħa jew ristretti msemmija fil-paragrafu 2 ma jistgħux ikunu miżmuma. Iċ-ċirkostanzi invokati biex jiġġustifikaw l-urġenza estrema ma jistgħux fl-ebda każ jiġu attribwiti lejn l-awtoritajiet ta' kuntrattar;

(d) għal xogħlijiet addizzjonali mhux inklużi fil-proġett inizjalment meqjus jew fil-kuntratt għall-ewwel konklużi imma li, minħabba ċirkostanzi mhux mistennija, isiru meħtieġa biex isir ix-xogħol deskritt hemmhekk, bil-kondizzjoni li l-għotja tkun magħmula lill-kuntrattur li qiegħed jagħmel dan ix-xogħol:

— meta dawn ix-xogħlijiet ma jistgħux ikunu separati teknikament jew ekonomikament mill-kuntratt prinċipali mingħajr inkonvenjenza kbira għall-awtoritajiet ta' kuntrattar, jew

— meta xogħlijiet bħal dawn, għalkemm separabbli mill-attwazzjoni tal-kuntratt oriġinali, huma strettament meħtieġa għall-istadji ta' wara tagħha,

Madankollu, l-ammont globali ta' kuntratti mogħtija għal xogħlijiet addizzjonali ma jistax jaqbeż il-50 % ta' l-ammont tal-kuntratt prinċipali;

(e) għal xogħlijiet ġodda li jikkonsistu f'repetizzjoni ta' xogħlijiet simili fdati f'idejn l-intrapriża li lilha l-istess awtoritajiet ta' kuntrattar kienu taw kuntratt qabel, konċess li xogħlijiet bħal dawn jaqblu ma' proġett bażiku li għalih ingħata l-ewwel kuntratt bi qbil mal-proċeduri li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 4.

Hekk kif l-ewwel proġett ikun offrut, għandu jingħata avviż li din il-proċedura tista' tiġi adottata u l-istima tal-ispiża totali ta' xogħlijiet sussegwenti għandha tkun ikkunsidrata mill-awtoritajiet ta' kuntrattar meta huma japplikaw il-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6. Din il-proċedura tista' tkun adottata biss waqt it-tliet snin wara l-konklużjoni tal-kuntratt oriġinali.

4. Fil-każi l-oħra kollha, l-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jagħtu l-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi tagħhom bil-proċedura miftuħa jew ristretta.

L-Artikolu 8

1. L-awtorità ta' kuntrattar għandha, fi żmien 15-il ġurnata middata ta' meta t-talba tiġi riċevuta, tinforma kull kandidat eliminat jew dak li jagħmel l-offerta li jitlob raġunijiet għala ma ntlaqatx l-applikazzjoni jew l-offerta tiegħu, u, fil-każ ta' offerta, l-isem ta' dak li jagħmel l-offerta li ngħatalu x-xogħol.

2. L-awtorità ta' kuntrattar għandha tinforma l-kandidati jew dawk li jagħmlu l-offerti li jitolbu fuq liema bażi kien deċiż li ma jingħatalhomx il-kuntratt li għalih kienet saret sejħa għal kompetizzjoni, jew biex terġa' tibda l-proċedura. Għandha tinforma wkoll l-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunità Ewropea b'dik id-deċiżjoni.

3. Għal kull kuntratt mogħti, l-awtoritajiet ta' kuntratt għandhom jagħmlu rapport bil-miktub li għandu jinkludi mill-anqas dan li ġej:

— l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità ta' kuntrattar, is-suġġett u l-valur tal-kuntratt,

— l-isem tal-kandidati jew dawk li jagħmlu l-offerti ammessi u r-raġunijiet għall-għażla tagħhom,

— l-isem tal-kandidati jew dawk li jagħmlu l-offerti rifjutati u r-raġunijiet għar-rifjutar tagħhom,

— l-isem ta' dak li jagħmel l-offerta magħżul u r-raġunijiet għala l-offerta tiegħu ġiet magħżula u, jekk magħrufa, xi parti talkuntratt li dak li jagħmel l-offerta u li ġie magħżul, jista' jkollu l-ħsieb li jagħti b'sottokuntratt lil parti terza,

— għal proċeduri nnegozjati, ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 7 li jiġġustifikaw l-użu ta' dawn il-proċeduri.

Dan ir-rapport, jew il-karatteristiċi prinċipali tiegħu, għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni fuq talba tagħha.

L-Artikolu 9

Fil-każ ta' kuntratti relatati mad-disinn u l-kostruzzjoni ta' skema ta' djar pubbliċi li d-daqs u l-kumplessità, u li l-estimi taż-żmien ta' xogħol involut, jeħtieġu li l-ippjanar ikun ibbażat mill-bidu nett b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' grupp li jikkonsisti f'rappreżentati ta' l-awtorità ta' kuntrattar, ta' esperti u tal-kuntrattur li għandu jkun responsabbli biex isiru x-xogħlijiet, proċedura ta' għotja speċjali tista tkun adottata biex jintgħażel il-kuntrattur l-aktar adattat għal integrazzjoni fil-grupp.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jinkludu fl-avviż tal-kuntratt deskrizzjoni preċiża kemm jista' jkun tax-xogħlijiet li għandhom jitwettqu sabiex jagħtu ċ-ċans lill-kuntratturi interessati biex jifformaw idea valida tal-proġett. Aktar minn hekk, l-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom, bi qbil ma' l-Artikoli 24 sa 29, jistabilixxu f'avviż ta' kuntratt bħal dan, il-kondizzjonijiet personali, tekniċi u finanzjarji li għandhom ikunu mwettqa mill-kandidati.

Meta proċedura bħal din tkun adottata, l-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom japplikaw ir-regoli ta' riklamar komuni rrelatati mal-proċedura ristretta u mal-kriterju ta' għażla kwalitattiva.

IT-TITOLU II

REGOLI KOMUNI FIL-QASAM TEKNIKU

L-Artikolu 10

1. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Anness III għandhom jingħataw fid-dokumenti ġenerali jew kuntrattwali relatati ma' kull kuntratt.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tekniċi marbuta bil-liġijiet nazzjonali u sakemm dawn jaqblu mal-liġi tal-Komunita, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu definiti mill-awtoritajiet ta' kuntrattar b'referenza għall-istandards nazzjonali

li jimplimentaw l-istandards Ewropej, jew b'referenza għall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew b'referenza għal speċifikazzjonijiet tekniċi komuni.

3. Awtorità ta' kuntrattar tista' titbiegħed mill-paragrafu 2 jekk:

(a) l-istandards, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew l-speċifikazzjonijiet tekniċi komuni ma jinkludu l-ebda provediment biex tkun stabbilita konformita, jew, jekk ma jeżistux mezzi tekniċi biex tkun stabbilita konformità sodisfaċenti ta' prodott ma' dawn l-*istandards*, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew l-speċifikazzjonijiet tekniċi komuni,

(b) l-użu ta' dawn l-istandards, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew l-speċifikazzjonijiet tekniċi komuni jġiegħlu lill-awtorità ta' kuntrattar li takkwista prodotti jew materjali inkompatibbli mat-tagħmir li diġà jkun qiegħed jintuża jew jinvolvu spejjeż sproporzjonati jew diffikultajiet tekniċi sproporzjonati, imma biss bħala strateġija definita u rreġistrata bilgħan li jiġu mibdula, f'perijodu partikolari, lejn *standards* Ewropej, approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew speċifikazzjonijiet tekniċi komuni;

(ċ) il-proġett ikkonċernat ikun ta' natura ġenwinament innovattiva li għalih l-użu tal-istandards Ewropej, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew l-speċifikazzjonijiet tekniċi komuni eżistenti ma jkunux adekwati.

4. Awtoritajiet ta' kuntrattar li jinvokaw il-paragrafu 3 għandhom jirreġistraw, meta possibbli, r-raġunijiet għala jgħamlu hekk fl-avviż tal-offerta ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea jew fid-dokumenti tal-kuntratt u fil-każi kollha għandhom jirreġistraw dawn ir-raġunijiet fid-dokumentazzjoni interna tagħhom u għandhom jissupplixxu meta mitluba informazzjoni bħal din lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

5. Fin-nuqqas ta' standards Ewropej jew approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi:

(a) għandhom jiġu definiti b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali magħrufa bħala li jaqblu mal-ħtiġijiet bażiċi fuq l-armonizzazzjoni teknika stabbiliti fid-direttivi tal-Komunità, bi qbil mal-proċeduri stabbiliti f'dawk id-direttivi, u b'mod partikolari bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regoli u provedimenti amministrattivi ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti ta' kostruzzjoni [1];

(b) jistgħu jiġu definiti b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali rrelatati mad-disinn u l-metodu ta' kalkolazzjoni u l-attwazzjoni tax-xogħlijiet u l-użu tal-materjali;

(ċ) jistgħu jiġu definiti b'referenza għal dokumenti oħra.

F'dan il-każ, huwa tajjeb li ssir referenza bl-ordni ta' preferenza lil:

(i) standards nazzjonali li jimplimentaw standards internazzjonali aċċettati mill-pajjiż ta' l-awtorità ta' kuntrattar;

(ii) standards nazzjonali oħra u approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali tal-pajjiż ta' l-awtorità ta' kuntrattar;

(iii) kull standard ieħor.

6. Għajr meta speċifikazzjonijiet bħal dawn ikunu ġustifikati mis-suġġett tal-kuntratt, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni, fil-klawsoli kuntrattwali li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt partikolari, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jsemmu l-isem tad-ditta jew sors speċifiku jew ta' proċess partikolari u li għalhekk jiffavorixxu jew jeliminaw ċerti intrapriżi. B'mod partikolari, l-indikazzjoni tat-*trade marks*, privattivi, tipi, jew ta' oriġini jew produzzjoni speċifika għandhom ikunu projbiti. Madankollu, jekk indikazzjoni bħal din tkun akkumpanjata bil-kliem "jew ekwivalenti", għandha tkun awtorizzata f'każi fejn l-awtoritajiet ta' kuntrattar ma jkunux jistgħu jagħtu deskrizzjoni tas-suġġett tal-kuntratt bi speċifikazzjonijiet li jkunu biżżejjed preċiżi u li jinftiehmu mill-partijiet kollha konċernati.

IT-TITOLU III

REGOLI TA' RIKLAMAR KOMUNI

L-Artikolu 11

1. Awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jgħarrfu, permezz ta' avviż indikattiv, il-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratti tax-xogħlijiet li għandhom ħsieb jagħtu u l-estimi tal-valur li ma jkunx anqas mill-valur bażiku stabbilit fl-Artikolu 6(1).

2. Awtoritajiet ta' kuntrattar li jixtiequ jagħtu kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi bil-proċedura miftuħa, ristretta jew innegozjata msemmija fl-Artikolu 7(2), għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż.

3. Awtoritajiet ta' kuntrattar li jixtiequ jagħtu kuntratt ta' konċessjoni ta' xogħlijiet għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż.

[1] ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.

4. Konċessjonarji tax-xogħlijiet, minbarra l-awtoritajiet ta' kuntrattar, li jixtiequ jagħtu kuntratti ta' xogħlijiet lil parti terza bit-tifsira tal-Artikolu 3(4), għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż.

5. L-awtoritajiet ta' kuntrattar li taw kuntratt għandhom jgħarrfu r-riżultat tagħhom permezz ta' avviż. Madankollu, xi informazzjoni fuq l-għoti tal-kuntratt tista', f'ċerti każi, ma tkunx ippubblikata meta l-ħruġ ta' informazzjoni bħal din ifixkel l-infurzar tal-liġi jew ikun kontra l-interess tal-pubbliku, jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriża partikolari, pubblika jew privata, jew jista jippreġudika kompetizzjoni korretta bejn il-kuntratturi.

6. L-avviżi msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 għandhom isiru bi qbil mal-mudelli stabbiliti fl-Annessi IV, V u VI, u għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni mitluba f'dawk l-Annessi.

L-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu ma jintalbux kondizzjonijiet jekk mhux dawk speċifikati fl-Artikoli 26 u 27 meta jitolbu informazzjoni li tikkonċerna l-istandards ekonomiċi u tekniċi li jeħtieġu għal kuntratti għal għażla tagħhom (il-punt 11 ta' l-Anness IV B, il-punt 10 ta' l-Anness IV Ċ u l-punt 9 ta' l-Anness IV D).

7. L-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jibagħtu l-avviżi msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 malajr kemm jista' jkun u bl-aktar mod adekwat lill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali għal Komunitajiet Ewropej. Fil-każ ta' proċedura mgħaġġla msemmija fl-Artikolu 14, l-avviż għandu jintbagħat bit-telex, telegramm jew telefax.

L-avviż msemmi fil-paragrafu 1 għandu jintbagħat malajr kemm jista' jkun wara d-deċiżjoni li tapprova l-ippjanar tal-kuntratti tax-xogħlijiet li l-awtoritajiet ta' kuntrattar beħsiebhom jagħtu.

L-avviż imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jintbagħat l-aktar tard 48 ġurnata wara l-għoti tal-kuntratt f'dan il-każ.

8. L-avviżi msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 għandhom ikunu ppubblikati b'mod sħiħ fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fid-*data bank* TED fil-lingwi Uffiċjali tal-Komunità, it-test oriġinali biss ikunu awtentiku.

9. L-avviżi msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom ikunu ppubblikati b'mod sħiħ fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fid-*data bank* TED fil-lingwi oriġinali. Sommarju ta' l-elementi importanti ta' kull avviż għandu jkun ippubblikat fil-lingwi Uffiċjali l-oħra tal-Komunità, it-test oriġinali biss ikun awtentiku.

10. L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej għandu jippubblika l-avviżi mhux aktar tard minn 12-il ġurnata wara t-tqassim tagħhom. Fil-każ ta' proċedura mgħaġġla msemmija fl-Artikolu 14, dan il-perijodu għandu jonqos għal ħamest ijiem.

11. L-avviż m'għandux ikun ippubblikat fil-ġurnali Uffiċjali jew fl-istampa tal-pajjiż ta' l-awtorità ta' kuntrattar qabel id-data tat-tqassim lejn il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u għandu jsemmi din id-data. M'għandux ikollu informazzjoni oħra minbarra dik ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

12. L-awtoritajiet ta' kuntrattar iridu jkunu kapaċi jissupplixxu evidenza tad-data ta' tqassim.

13. L-ispejjeż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviżi fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* jitħallsu mill-Komunità. It-tul ta' l-avviż m'għandux ikun itwal minn paġna tal-Ġurnal, jew bejn wieħed u ieħor 650 kelma. Kull edizzjoni tal-Ġurnal li jkun fiha avviż jew aktar għandha tirriproduċi l-avviż li fuqu huwa bbażat l-avviż ippubblikat.

L-Artikolu 12

1. Fi proċeduri miftuħa l-limitu taż-żmien għall-akwist ta' l-offerti, stabbilit mill-awtoritajiet ta' kuntrattar għandu jkun mhux anqas minn 52 ġurnata mid-data tat-tqassim ta' l-avviż.

2. Il-limitu taż-żmien għall-akwist ta' l-offerti stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jitnaqqas għal 36 ġurnata meta l-awtoritajiet ta' kuntrattar ikunu ppubblikaw l-avviż fl-Artikolu 11(1), abbozzat bi qbil mal-kampjun fl-Anness IV A, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

3. Basta li kienu ntalbu f'ħin xieraq, id-dokumenti tal-kuntratti u d-dokumenti sekondarji għandhom jintbagħtu lill-kuntratturi mill-awtoritajiet ta' kuntrattar jew mid-dipartimenti kompetenti fi żmien sitt ijiem minn meta jirċievu l-applikazzjoni.

4. Basta li tkun intalbet f'ħin xieraq, l-informazzjoni addizzjonali rrelatata mad-dokumenti tal-kuntratt għandha tiġi provduta mill-awtoritajiet ta' kuntrattar mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel id-data finali stabbilita għall-akwista ta' l-offerti.

5. Meta dokumenti tal-kuntratt, dokumenti sekondarji jew informazzjoni addizzjonali ikunu kbar wisq biex jiġu pprovduti

fil-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafu 3 jew 4 jew meta offerti jistgħu jsiru biss wara żjara fuq il-post jew wara ispezzjoni fuq il-post tad-dokumenti sekondarji għad-dokumenti tal-kuntratt, il-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 għandu jiżdied skond il-ħtieġa.

L-Artikolu 13

1. Fi proċeduri ristretti u negozjati kif deskritti fl-Artikolu 7(2), il-limitu taż-żmien sabiex jintlaqgħu it-talbiet għal parteċipazzjoni stabbiliti mill-awtoritajiet ta' kuntrattar għandu jkun mhux anqas minn 37 ġurnata mid-data tat-tqassim ta' l-avviż.

2. L-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom fl-istess waqt u bil-miktub jistiednu lill-kandidati magħżula biex jissottomettu l-offerti tagħhom. L-ittra ta' stedina għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti tal-kuntratt u d-dokumenti sekondarji. Għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) fejn xieraq, l-indirizz tas-servizz li minnu jistgħu jintalbu d-dokumenti tal-kuntratt u d-dokumenti sekondarji u d-data finali biex issir talba bħal dawn; ukoll l-ammont u t-termini ta' xi somma li għandha titħallas għal dokumenti bħal dawn;

(b) d-data finali biex jiġu rċevuti l-offerti, l-indirizz ta' fejn għandhom jintbagħtu u l-lingwa jew lingwi li bihom għandhom isiru;

(ċ) referenza għall-avviż pubblikat tal-kuntratt;

(d) indikazzjoni ta' xi dokumenti li għandhom ikunu annessi, jew biex jgħinu d-dikjarazzjonijiet verifikabbli magħmula mill-kandidat bi qbil ma' l-Artikolu 11(7), inkella biex iżidu l-informazzjoni pprovduta f'dak l-Artikolu bl-istess kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 26 u 27;

(e) il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt jekk dawn ma jkunux magħtija fl-avviż.

3. Fi proċeduri ristretti, il-limitu taż-żmien biex jiġu rċevuti l-offerti stabbiliti mill-awtoritajiet ta' kuntrattar m'għandux ikun anqas minn 40 ġurnata mid-data tat-tqassim ta' l-istedina bil-miktub.

4. Il-limitu taż-żmien biex jiġu rċevuti l-offerti stabbilit fil-paragrafu 3 jista' jitnaqqas għal 26 ġurnata meta l-awtoritajiet ta' kuntrattar ikunu ppubblikaw l-avviż fl-Artikolu 11(1), magħmul bi qbil mal-mudell fl-Anness IV A, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

5. Talbiet biex wieħed jipparteċipa fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti jistgħu jsiru b'ittra, b'telegramm, telex, telefax jew bit-telefon. Jekk b'wieħed mill-aħħar erbgħa, għandhom ikunu kkonfermati b'ittra mibgħuta qabel it-tmiem tal-perijodu stabbilit fil-paragrafu 1.

6. Basta li tkun intalbet f'ħin xieraq, informazzjoni addizzjonali rrelatata mad-dokumenti tal-kuntratt għandha tkun ipprovduta mill-awtoritajiet ta' kuntrattar mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel id-data finali stabbbilita biex jiġu rċevuti l-offerti.

7. Meta offerti jistgħu jsiru biss wara żjara fuq il-post jew wara ispezzjoni fuq il-post tad-dokumenti sekondarji għad-dokumenti tal-kuntratt, il-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafi 3 u 4 għandu jkun estiż skond il-ħtieġa.

L-Artikolu 14

1. F'każi meta l-urġenza tagħmel il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 13 imprattikabbli, l-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jiddeċiedu l-limitu ta' żmien li ġej:

(a) il-limitu taż-żmien sabiex jintlaqgħu t-talbiet biex wieħed jipparteċipa għandu jkun mhux anqas minn 15-il ġurnata mid-data ta' tqassim ta' l-avviż;

(b) il-limitu taż-żmien sabiex jintlaqgħu l-offerti għandu jkun mhux anqas minn 10t ijiem mid-data ta' tqassim ta' l-offerta;

2. Basta li tkun intalbet f'ħin tajjeb, informazzjoni addizzjonali rrelatata mad-dokumenti tal-kuntratt għandha tkun ipprovduta mill-awtoritajiet ta' kuntrattar mhux aktar tard minn erbat ijiem qabel id-data finali stabbbilita biex jiġu rċevuti l-offerti.

3. Talbiet għal parteċipazzjoni f'kuntratti u stediniet għal offerti għandhom isiru bil-mezzi ta' komunikazzjoni bl-aktar rapidi possibbli. Meta talbiet għal parteċipazzjoni jsiru bit-telegramm, telex, telefax jew telefon, għandhom ikunu kkonfermati b'ittra mibgħuta qabel l-għeluq tal-limitu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 15

L-awtoritajiet ta' kuntrattar li jixtiequ jagħtu kuntratt ta' konċessjoni għandhom jiddeċiedu il-limitu taż-żmien għall-wasla ta' kandidaturi għal konċessjoni, li m'għandux ikun anqas minn 52 ġurnata mid-data tat-tqassim ta' l-avviż.

L-Artikolu 16

F'kuntratti ta' xogħlijiet mogħtija minn konċessjonarju ta' xogħlijiet apparti milli l-awtoritajiet ta' kuntrattar, il-limitu taż-żmien għall-wasla ta' talbiet ta' parteċipazzjoni, deċiż mill-konċessjonarju, m'għandux ikun anqas minn 37 ġurnata

mid-data tat-tqassim ta' l-avviż, u l-limitu taż-żmien għall-wasla ta' l-offerti mhux anqas minn 40 ġurnata mid-data tat-tqassim ta' l-avviż jew l-istedina ta' l-offerta.

L-Artikolu 17

L-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jiftiehmu għall-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea* ta' avviżi li jħabbru kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi li mhumiex suġġetti għal ħtiġijiet ta' pubblikazzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva.

IT-TITOLU IV

REGOLI KOMUNI TA' PARTEĊIPAZZJONI

Il-Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 18

1. Il-kuntratti għandhom ikunu mogħtija fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan it-Titolu, billi jittieħed akkont ta' l-Artikolu 19, wara li l-addattabilità tal-kuntratturi mhux eskluži permezz ta' l-Artikoli 24 tkun ġiet ivverifikata mill-awtoritajiet ta' kuntrattar bi qbil mal-kriterji tal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja u t-tagħrif jew kapaċità teknika li hemm referenza dwarhom fl-Artikoli 26 sa 29.

L-Artikolu 19

Meta l-kriterja għall-għoti ta' kuntratt huma dik ta' l-offerta l-aktar vantaġġjuża ekonomikament, l-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jikkunsidraw varjanti li jkunu sottomessi minn dak li jagħmel l-offerta u li jaqblu ma' l-ispeċifikazzjonijiet minimi mitluba mill-awtoritajiet ta' kuntrattar.

L-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jiddikjaraw fid-dokumenti tal-kuntratt l-ispeċifikazzjonijiet minimi li għandhom ikunu rrispettati mill-varjanti u kull ħtieġa speċifika għal preżentazzjoni tagħhom. Għandhom jindikaw fl-avviż ta' l-offerta jekk varjanti mhumiex permissibbli.

L-awtoritajiet ta' kuntrattar ma jistgħux jirrifjutaw is-sottomissjoni ta' varjanti biss fuq il-bażi li jkunu saru fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi definiti b'referenza għall-istandards nazzjonali kif trasposti għal standards Ewropej, għal approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew għal speċifikazzjonijiet tekniċi komuni msemmija fl-Artikolu 10(2) jew għal darb'oħra b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 10(5)(a) u (b).

L-Artikolu 20

Fid-dokumenti tal-kuntratt, l-awtorità ta' kuntrattar tista' titlob lil dak li jagħmel l-offerta biex jindika fl-offerta tiegħu kull parti tal-kuntratt li hu beħsiebu jissottokuntratta lil parti terza.

Din l-indikazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar l-obbligu tal-kuntrattur prinċipali.

L-Artikolu 21

L-offerti jistgħu jintbagħtu minn gruppi ta' kuntratturi. Dawn il-gruppi ma jistgħux jintalbu jieħdu forma legali speċifika biex jibagħtu l-offerta; madankollu, l-grupp magħżul jista' jintalab li jagħmel dan meta jingħatalu l-kuntratt.

L-Artikolu 22

1. Fi proċeduri ristretti jew innegozjati l-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija irrelatata mal-pożizzjoni personali tal-kuntrattur kif ukoll mal-informazzjoni u l-formalitajiet meħtieġa għall-evalutazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' natura ekonomika u teknika li għandhom ikunu esegwiti minnu, jagħżlu mill-kandidati bil-kwalifiki meħtieġa mill-Artikoli 24 sa 29 dawk li huma sejrin jistiednu biex jissottomettu l-offerta jew biex jinnegozjaw.

2. Meta l-awtoritajiet ta' kuntrattar jagħtu kuntratt bil-proċedura ristretta, huma jistgħu jippreskrivu il-medda li fiha jaqgħu n-numru ta' intrapriżi li jkun beħsiebhom jistiednu. F'dan il-każ l-estensjoni għandha tkun indikata fl-avviż tal-kuntratt. L-estensjoni għandha tkun indikata fl-avviż tal-kuntratt. L-estensjoni għandha tkun iddeterminata fid-dawl tan-natura taxxogħol li għandu jsir. L-estensjoni għandha tikkonsisti f'mill-anqas 5 intrapriżi u tista' tasal sa 20.

F'kull każ, in-numru ta' kandidati mistiedna biex jagħmlu l-offerti għandu jkun suffiċjenti biex jassigura li jkun hemm kompetizzjoni ġenwina.

3. Meta l-awtoritajiet ta' kuntrattar jagħtu kuntratt bi proċedura nnegozjata kif hemm referenza dwarha fl-Artikolu 7(2), in-numru ta' kandidati magħżula biex jinnegozjaw m'għandux ikun anqas minn tlieta basta li jkun hemm numru biżżejjed ta' kandidati xierqa.

4. Kull Stat Membru għandu jara li l-awtoritajiet ta' kuntrattar joħorġu stediniet mingħajr diskriminazzjoni lejn ċittadini ta' Stati Membri oħra li jissdisfaw it-talbiet meħtieġa u bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk taċ-ċittadini tiegħu.

L-Artikolu 23

1. L-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jiddikjaraw fid-dokumenti tal-kuntratt, jew li jkunu obbligati minn Stat Membru biex jagħmlu hekk, l-awtorità jew awtoritajiet li minn għandhom dak li jagħmel l-offerta jista' jikseb l-informazzjoni xierqa dwar l-obbligi rrelatati mal-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tax-xogħol u l-kondizzjoni tax-xogħol li jkunu fis-seħħ fl-Istat Membru, reġjun jew lokalità li fihom ix-xogħol għandu jsir u li se jkunu applikabbli għax-xogħlijiet magħmula fuq il-post waqt is-seħħ tal-kuntratt.

2. L-awtorità ta' kuntrattar li tipprovdi l-informazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha titlob lil dawk li jagħmlu l-offerti jew dawk li jipparteċipaw fil-proċedura tal-kuntratt biex jindikaw li huma ħadu akkont, meta għamlu l-offerta, l-obbligi rrelatati mad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' l-impieg u l-kondizzjonijiet ta' xogħol li jkunu fis-seħħ fil-post fejn ikun sejjer isir ix-xogħol. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 30(4) li jikkonċerna l-eżaminazzjoni ta' offerti anormalment baxxi.

Il-Kapitolu 2

Kriterja għal għażla kwalitattiva

L-Artikolu 24

Kwalunkwe kuntrattur jista' jkun eskluż mill-parteċipazzjoni fil-kuntratt jekk:

(a) ikun fallut jew ikun qiegħed fi stat ta' likwidazzjoni, li n-negozju tiegħu ikun amministrat mill-qorti, li jkollu ftehim ma' kredituri, li jkun issospenda l-attivitajiet tan-negozju tiegħu jew li jinsab f'sitwazzjoni analoga li tkun ġejja minn proċedura simili taħt il-liġijiet u r-regoli nazzjonali;

(b) ikun suġġett għal proċeduri ta' dikjarazzjoni ta' falliment, jew b'ordni ta' likwidazzjoni obligatorja jew amministrazzjoni mill-qorti jew għal ftehim mal-kredituri jew għal kull proċedura simili skond il-liġijiet jew ir-regoli nazzjonali;

(ċ) ikun instab ħati ta' offiża li tikkonċerna l-kondotta professjonali tiegħu b'ġudizzju li għandu s-saħħa ta' *res judicata*;

(d) ikun instab ħati ta' nuqqas ta' kondotta professjonali gravi evidenzjata b'mezzi li l-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jiġġustifikaw;

(e) ma jkunx issodissfa l-obbligi rrelatati mal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bi qbil mal-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih huwa stabbilit jew ma' dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità ta' kuntrattar;

(f) ma jkunx issoddisfa l-obbligi rrelatati mal-ħlas ta' taxxi bi qbil mad-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih huwa stabbilit jew ma' dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità ta' kuntrattar;

(g) ikun ħati ta' rapprezrentazzjoni żbaljata serja fil-forniment ta' l-informazzjoni meħtieġa f'dan il-Kapitolu.

Meta l-awtorità ta' kuntrattar teħtieġ prova mill-kuntrattur li ebda wieħed minn dawn il-każi ikkwotati f'(a), (b), (ċ), (e) jew (f) ma japplikawx għalih, għandha taċċetta bħala evidenza suffiċjenti:

— għall-punti (a), (b) jew (ċ), il-produzzjoni ta' estratt mir-"rekord ġudizzjarju" jew, jekk dan ma jkunx possibbli, ta' dokument ekwivalenti minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti fil-pajjiż ta' l-oriġini minn fejn tkun ġejja dik il-persuna li turi li dawn il-ħtiġijiet ikunu milħuqa;

— għall-punti (e) jew (f), ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru konċernat.

Meta l-pajjiż konċernat ma joħroġx dokumenti jew ċertifikati ta' dan it-tip, dawn jistgħu jkunu mibdula b'dikjarazzjoni b'ġurament jew, fi Stati Membri fejn m'hemmx provvediment għal dikjarazzjoni b'ġurament, b'dikjarazzjoni sollenni magħmula mill-persuna konċernata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, nutar jew korp kompetenti professjonali jew tan-negozju, fil-pajjiż ta' l-oriġini jew fil-pajjiż li minnu tkun ġejja dik il-persuna.

L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti biex joħorġu dawn id-dokumenti u għandhom jinfurmaw minnufih b'dan lill-Istati Membri l-oħra u lill- Kummissjoni.

L-Artikolu 25

Kwalunkwe kuntrattur li jixtieq jieħu parti f'kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi jista' jkun mitlub biex jagħti prova tar-reġistrar tiegħu fir-reġistru professjonali jew tan-negozju taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġijiet ta' l-Istat Membru li fih ikun stabbilit:

— fil-Belġju r-"Registre du Commerce — Handelsregister",

— fid-Danimarka, il-"Handelsregistret, Aktieselskabesregistret" u l-"Erhvervsregistret",

— fil-Ġermanja, il-"Handelsregister" u l-"Handwerksrolle",

— fil-Greċja, fir-reġistru għall-intrapriżi tal-kuntratturi "(Μητρώο Εργοληπτικών Επιχειρήσεων)", tal-Ministeru ta' l-Ambjent, ta' l-Ippjanar tal-Bliet u l-Kampanja u tax-Xogħlijiet Pubbliċi,

— fi Spanja, ir-"Registro Oficial de Contratistas del Ministerio de Industria, Comercio y Turismo",

— fi Franza, ir-"Registre du Commerce and the Répertoire des métiers",

— fl-Italja, ir-"Registro della Camera di commercio, industria, agricoltura e artigianato",

— fil-Lussemburgu, ir-"Registre aux firmes and the Rôle de la Chambre des métiers",

— fl-Olanda, il-"Handelsregister",

— fil-Portugall, il-"Commissao de Alvarás de Empresas de Obras Públicas e Particulares (CAEOPP)",

— fir-Renju Unit u fl-Irlanda, il-kuntrattur jista' jintalab biex jipprovdi ċertifikat mir-"Registrar of Companies" jew mir-"Registrar of Friendly Societies" jew, jekk dak ma jkunx il-każ, ċertifikat li jiddikjara li l-persuna konċernata tkun iddikkjarat taħt ġurament li hija involuta fil-professjoni inkwistjoni fil-pajjiż li fih hija stabbilita, f'post speċifiku u b'isem partikolari tan-negozju.

L-Artikolu 26

1. Evidenza tal-pożizzjoni finanzjarja u ekonomika tal-kuntrattur tista', bħala regola ġenerali, issir b'waħda jew aktar mir-referenzi li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet xierqa mill-bankiera;

(b) il-preżentazzjoni tal-*balance sheets* jew estratti mill-*balance sheets* tal-kumpannija, meta l-publikazzjoni tal-*balance sheets* tkun meħtieġa permezz tal-liġi tal-pajjiż fejn il-kuntrattur ikun stabbilit;

(ċ) dikjarazzjoni tal-kummerċ ġenerali tal-kumpannija u l-kummerċ ġenerali f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni għat-tliet snin finanzjarji preċedenti.

2. L-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jispeċifikaw fl-avviż jew fl-istedina għall-offerti liema referenza jew referenzi jkunu għażlu u liema referenzi oħra barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) jew (ċ) għandhom ikunu pprovduti.

3. Jekk, għal xi raġuni valida, il-kuntrattur ma jkunx jista' jipprovdi r-referenzi mitluba mill-awtoritajiet ta' kuntrattar, huwa jista jagħti prova tal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja tiegħu b'kull dokument ieħor li l-awtoritajiet ta' kuntrattar jikkunsidraw bħala xieraq.

L-Artikolu 27

1. L-evidenza tal-kapaċità teknika tal-kuntrattur tista' tkun fornuta permezz:

(a) tal-kwalifiki edukattivi u professjonali tal-kuntrattur u/jew dawk tal-persunal maniġerjali tal-kumpannija, b'mod partikolari, dawk tal-persuna jew persuni responsabbli biex jagħmlu x-xogħlijiet;

(b) ta' lista ta' xogħlijiet magħmula f'dawn l-aħħar ħames snin, akkumpanjata b'ċertifikati ta' attwazzjoni sodisfaċenti tal-aktar xogħlijiet importanti. Dawn iċ-ċertifikati għandhom jindikaw il-valur, id-data u l-post tax-xogħlijiet u għandhom jispeċifikaw jekk sarux skond ir-regoli tan-negozju u jekk ġewx konklużi kif suppost. Meta meħtieġ, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat dawn iċ-ċertifikati direttament lill-awtorità ta' kuntrattar;

(ċ) dikjarazzjoni ta' l-għodda, makkinarju u tagħmir tekniku disponibbli għal kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol;

(d) dikjarazzjoni tan-numru medju annwali ta' ħaddiema fil-kumpannija u n-numru ta' persunal maniġerjali għal dawn l-aħħar tliet snin;

(e) dikjarazzjoni tat-tekniċi u tal-korpi tekniċi li l-kuntrattur jista' jsejjaħ biex isir ix-xogħol, kemm jekk huma tal-kumpannija u anki jekk le.

2. L-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jispeċifikaw fis-sejħa għall-offerti liema minn dawn ir-referenzi għandhom ikunu pprovduti.

L-Artikolu 28

Fil-limiti ta' l-Artikoli 24 sa 27, l-awtoritajiet ta' kuntrattar jistgħu jistiednu lill-kuntrattur biex jipprovvdi ċ-ċertifikati u d-dokumenti sottomessi jew biex jiċċarahom.

L-Artikolu 29

1. L-Istati Membri li għandhom il-listi uffiċjali tal-kuntratturi magħrufa għandhom jaddattawhom għal dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 24(a) sa (d) u (g) u ta' l-Artikoli 25, 26 u 27.

2. Kuntratturi rreġistrati fil-listi uffiċjali jistgħu, għal kull kuntratt, jissottomettu lill-awtorità ta' kuntrattar ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti. Dan iċ-ċertifikat għandu jiddikjara r-referenza li tkun awtorizzathom biex jiġu rreġistrati fil-lista u l-klassifikazzjoni mogħtija f'din il-lista.

3. Reġistrazzjoni ċċertifikata fil-listi uffiċjali mill-korpi kompetenti għandha, għall-awtoritajiet ta' kuntrattar ta' Stati Membri oħra, tikkostitwixxi preżunzjoni ta' addattabilità għax-xogħlijiet li jikkorispondu għal klassifikazzjoni tal-kuntrattur f'dak li għandu x'jaqsam mal-Artikoli 24(a) sa (d) u (g), 25, 26(b) u (ċ) u 27(b) u (d).

Informazzjoni li tista' tkun deduċibbli mir-reġistrazzjoni fil-listi uffiċjali ma tistax tkun imħaqqa. Madankollu, fir-rigward ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ċertifikat addizzjonali jista' jkun meħtieġ għal kull kuntrattur irreġistrat kull meta jkun offrut kuntratt.

L-awtoritajiet ta' kuntratttar ta' l-Istati Membri l-oħra għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq biss favur kuntratturi li huma stabbiliti fil-pajjiż li għandu l-lista uffiċċjali.

4. Għar-reġistrazzjoni ta' kuntratturi ta' l-Istati Membri l-oħra fil-lista uffiċċjali, l-ebda aktar provi jew dikjarazzjonijiet oħra ma jistgħu jkunu meħtieġa apparti minn dawk mitluba minn ċittadini u, fi kwalunkwe każ, dawk biss li jipprovdu għalhom l-Artikoli 24 sa 27.

5. L-Istati Membri li jkollhom lista Uffiċjali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri oħra l-indirizz tal-korp li lilu jistgħu jsiru talbiet għar-reġistrazzjoni.

Il-Kapitolu 3

Kriterji għall-għoti ta' kuntratti

L-Artikolu 30

1. Il-kriterji li fuqhom l-awtoritajiet ta' kuntrattar għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għandhom ikunu:

(a) jew l-irħas prezz biss;

(b) jew, meta l-għoti jsir lejn l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża, diversi kriterji skond il-kuntratt: eż. prezz, perijodu biex jitlesta, spejjeż, profitabilità, meritu tekniku.

2. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(b), l-awtorità ta' kuntrattar għandha tiddikjara fid-dokumenti tal-kuntratt jew fl-avviż tal-kuntratt il-kriterji kollha li beħsiebha tapplika għall-għoti, f'ordni dixxendenti meta possibbli.

3. Paragrafu 1 m'għandux japplika meta l-Istati Membri jibbażaw l-għoti tal-kuntratti fuq kriterji oħra, fl-istruttura tar-regoli fisseħħ fil-ħin ta' l-addozzjoni ta' din id-Direttiva li l-għan tagħha huwa li tagħti preferenza lil ċerti minn dawk li jagħmlu l-offerti, bil-kondizzjoni li r-regoli invokati huma kompattibbli mat-Trattat KEE.

4. Jekk, għal kuntratt partikolari, dawk li jagħmlu l-offerti jidhru li huma abnormalment baxxi b'relazzjoni max-xogħol, l-awtorità ta' kuntrattar għandha, qabel ma tirrifjuta dawk l-offerti, titlob, bil-miktub, dettalji tal-elementi kostitwenti ta' l-offerta li hija tikkonsidra relevanti u għandha tivverifika dawk l-elementi kostitwenti billi tikkunsidra l-ispjegazzjonijiet li jkunu waslu.

L-awtorità ta' kuntrattar tista' tikkunsidra spjegazzjonijiet li huma ġġustifikati fuq bażi oġġettiva inkluża l-ekonomija tal-metodu ta' kostruzzjoni, jew is-soluzzjoni teknika magħżula, jew il-kondizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli disponibbli għal dak li jagħmel l-offerta fl-attwazzjoni tax-xogħol, jew l-oriġinalità tax-xogħol propost minn dak li jagħmel l-offerta.

Jekk id-dokumenti rrelatati mal-kuntratt jipprovdu għall-għoti ta' l-offerta bl-anqas prezz, l-awtorità ta' kuntrattar għandha tikkomunika lejn il-Kummissjoni l-offerti li hija tikkunsidra bħala li huma rħas iżżejjed.

Madankollu, sat-tmiem ta' l-1992, jekk il-liġi nazzjonali preżenti hekk tippermetti, l-awtorità ta' kuntrattar tista' eċċezzjonalment, mingħajr ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità, tirriffjuta offerti li huma abnormalment baxxi b'relazzjoni max-xogħol, mingħajr ma tkun obbligata li tkun konformi malproċedura li hemm provvediment dwarha fl-ewwel sottoparagrafu jekk in-numru ta' dawk li jagħmlu l-offerti bħal dawn għal kuntratt partikolari ikun tant kbir li l-implimentazzjoni ta' din il-proċedura twasssal għal dewmien konsiderevoli u tipperikola l-involviment pubbliku fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt f'dak il-każ. Rikors għal din il-proċedura eċċezzjonali għandu jkun imsemmi fl-avviż li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 11(5).

L-Artikolu 31

1. Sal-31 ta' Diċembru 1992, din id-Direttiva m'għandhiex tfixkel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti dwar l-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi li għandhom bħala l-għan tagħhom it-tnaqqis ta' disparitajiet reġjonali u l-promozzjoni ta' ħolqien ta' mpjiegi ġodda fir-reġjuni li l-iżvilupp tagħhom ikun baqa' lura u f'reġjuni industrijali li jkunu sejrin lura, bil-kondizzjoni li l-dispożizzjonijiet ikkonċernati jkunu kompatibbli mat-Trattat, b'mod partikolari mal-prinċipji ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità, libertà ta' stabbiliment u l-libertà li wieħed jipprovdi servizzi, u ma' l-obbligi internazzjonali tal-Kommunità.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30(3).

L-Artikolu 32

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni biċ-ċittadini koperti bl-Artikolu 30(3) u bl-Artikolu 31 u bir-regoli li japplikaw dwarhom.

2. L-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, kull sena, rapport li jiddeskrivi l-applikazzjoni prattika tal-miżuri li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1. Ir-rapporti għandhom ikunu sottomessi lejn il-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi.

IT-TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 33

Il-kalkolazzjoni tal-limitu taż-żmien għall-akwist ta' offerti jew talbiet għal parteċipazzjoni għandha ssir bi qbil mar-Regolament

tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jiddetermina r-regoli applikabbli għal perijodi, dati u limiti ta' żmien [1].

L-Artikolu 34

1. Sabiex ikun jista' jsir assessjar tar-riżultati applikabbli għad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lejn il-Kummissjoni rapport statistiku dwar l-għoti ta' kuntratti mill-awtoritajiet ta' kuntrattar sal-31 ta' Ottubru 1993 l-aktar tard għas-sena preċedenti u minn hemm il quddiem sal-31 ta' Ottubru ta' kull tieni sena.

Madankollu, għall-Greċja, Spanja u l-Portugall, id-data tal-31 ta' Ottubru 1993 għandha tkun mibdula fil-31 ta' Ottubru 1995.

2. Ir-rapporti statistiċi għandhom jiddettaljaw mill-anqas in-numru u l-valur tal-kuntratti mogħtija minn kull awtorità ta' kuntrattar jew kategorija ta' awtorità ta' kuntrattar 'il fuq mil-limitu, suddiviżi sa kemm ikunu possibbli bil-proċedura, kategorija ta' xogħol, u n-nazzjonalità tal-kuntrattur li jkun ġie mogħti l-kuntratt, u fil-każ ta' proċeduri nnegozjati, suddiviżi bi qbil ma' l-Artikolu 7, bil-listi tan-numru u l-valur tal-kuntratti mogħtija lil kull Stat Membru u lil pajjiżi terzi.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 35(3) in-natura ta' kull informazzjoni statistika addizzjonali, li hija meħtieġa permezz ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 35

1. L-Anness I għandu jkun emendat mill-Kummissjoni, bi qbil mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, meta, partikolarment fuq il-bażi tan-notifiki mill-Istati Membri, jidher li jkun meħtieġ:

(a) li jitneħħew mill-Anness imsemmi il-korpi irrregolati minn liġi pubblika li ma jkunux aktar jissodissfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1(b);

(b) li jiġu inklużi f'dak l-Anness il-korpi rregolatui minn liġi pubblika li jilħqu dawk il-kriterji.

2. Il-kundizzjonijiet għat-tħejjija, t-trasmissjoni, ir-riċevuta, it-traduzzjoni, il-ġabra u tqassim ta' l-avviżi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 11 u r-rapporti statistiċi li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 34, in-nomenklatura li hemm provvediment dwarha fl-Anness II, kif ukoll ir-referenza fl-avviżi għal pożizzjonijiet partikolari tan-nomenklatura, jistgħu jkunu modifikati bi qbil mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3.

3. Il-president tal-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi għandu jissottometti lejn il-kumitat abbozz ta' xi miżuri li għandhom jittieħdu. Il-kumitat għandu jwassal l-opinjoni tiegħu fuq dan l-abbozz, jekk meħtieġ billi jittieħed vot, fil-limitu taż-żmien li jrid ikun stabbilit mill-president fid-dawl ta' l-urġenza ta' dik il-materja.

L-opinjoni għandha tkun irreġistrata fil-minuti. B'żieda, kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob li l-pożizzjoni tiegħu tkun irreġistrata fil-minuti.

Il-Kummissjoni għandha akkont sħiħ ta' l-opinjoni mogħtija mill-kumitat. Għandha tinforma lill-kumitat dwar il-mod ta' kif l-opinjoni tagħha kienet meħuda f'akkont.

4. Verżjonijiet emendati tal-Annessi I u II u tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew*.

L-Artikolu 36

1. Id-Direttiva 71/305/KEE [2] hija b'hekk imħasssra, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-limitu taż-żmien għat-transpożizzjoni f'liġi nazzjonali u għall-applikazzjoni indikata fl-Anness VII.

2. Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom ikunu meqjusa bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw bi qbil mat-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness VIII.

L-Artikolu 37

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Ġunju 1993.

Għal Kunsill

Il-President

J. TRØJBORG

[1] ĠU L 124, tat-8.6.1971, p. 1.

[2] inklużi d-dispożizzjonijiet li emendaw din id-Direttiva, jiġifieri:
— id-Direttiva 78/669/KEE (ĠU L 225, tas-16.8.1978, p. 41),
— id-Direttiva 89/440/KEE (ĠU L 210, tal-21.7.1989, p. 1),
— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/380/KEE (ĠU L 187, tad-19.7.1990, p. 55),
— l-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 90/531/KEE, (ĠU L 297, tad-29.10.1990, p. 1) u
— id-Direttiva 93/4/KEE (ĠU L 38, tas-16.2.1993, p.31).

L-ANNESS I

LISTA TA' KORPI U KATEGORIJI TA' KORPI RREGOLATI MIL-LIĠI PUBBLIKA LI HEMM REFERENZA GĦALIHA FL-ARTIKOLU 1(b)

I. IL-BELĠJU

Korpi

— Archives générales du Royaume et Archives de l'État dans les Provinces Algemeen Rijksarchief en Rijksarchief in de Provinciën,

— Conseil autonome de l'enseignement communautaire Autonome Raad van het Gemeenschapsonderwijs,

— Radio et télévision belges, émissions néerlandaises Belgische Radio en Televisie, Nederlandse uitzendingen,

— Belgisches Rundfunk- und Fernsehzentrum der Deutschsprachigen Gemeinschaft (Centre de radio et télévision belge de la Communauté de langue allemande Centrum voor Belgische Radio en Televisie voor de Duitstalige Gemeenschap),

— Bibliothèque royale Albert I^{er} Koninklijke Bibliotheek Albert I,

— Caisse auxiliaire de paiement des allocations de chômage Hulpkas voor Werkloosheidsuitkeringen,

— Caisse auxiliaire d'assurance maladie-invalidité Hulpkas voor Ziekte- en Invaliditeitsverzekeringen,

— Caisse nationale des pensions de retraite et de survie Rijkskas voor Rust- en Overlevingspensioenen,

— Caisse de secours et de prévoyance en faveur des marins naviguant sous pavillon belge Hulp- en Voorzorgskas voor Zeevarenden onder Belgische Vlag,

— Caisse nationale des calamités Nationale Kas voor de Rampenschade,

— Caisse spéciale de compensation pour allocations familiales en faveur des travailleurs de l'industrie diamantaire Bijzondere Verrekenkas voor Gezinsvergoedingen ten bate van de Arbeiders der Diamantnijverheid,

— Caisse spéciale de compensation pour allocations familiales en faveur des travailleurs de l'industrie du bois Bijzondere Verrekenkas voor Gezinsvergoedingen ten bate van Arbeiders in de Houtnijverheid,

— Caisse spéciale de compensation pour allocations familiales en faveur des travailleurs occupés dans les entreprises de batellerie Bijzondere Verrekenkas voor Gezinsvergoedingen ten bate van Arbeiders der Ondernemingen voor Binnenscheepvaart,

— Caisse spéciale de compensation pour allocations familiales en faveur des travailleurs occupés dans les entreprises de chargement, déchargement et manutention de marchandises dans les ports débarcadères, entrepôts et stations (appelée habituellement "Caisse spéciale de compensation pour allocations familiales des régions maritimes") Bijzondere Verrekenkas voor Gezinsvergoedingen ten bate van de Arbeiders gebezigd door Ladings- en Lossingsondernemingen en door de Stuwadoors in de Havens, Losplaatsen, Stapelplaatsen en Stations (gewoonlijk genoemd: "Bijzondere Compensatiekas voor kindertoeslagen van de zeevaartgewesten"),

— Centre informatique pour la Région bruxelloise Centrum voor Informatica voor het Brusselse Gewest,

— Commissariat général de la Communauté flamande pour la coopération internationale Commissariaat-generaal voor Internationale Samenwerking van de Vlaamse Gemeenschap,

— Commissariat général pour les relations internationales de la Communauté française de Belgique Commissariaat-generaal bij de Internationale Betrekkingen van de Franse Gemeenschap van België,

— Conseil central de l'économie Centrale Raad voor het Bedrijfsleven,

— Conseil économique et social de la Région wallonne Sociaal-economische Raad van het Waals Gewest,

— Conseil national du travail Nationale Arbeidsraad,

— Conseil supérieur des classes moyennes Hoge Raad voor de Middenstand,

— Office pour les travaux d'infrastructure de l'enseignement subsidié Dienst voor Infrastructuurwerken van het Gesubsidieerd Onderwijs,

— Fondation royale Koninklijke Schenking,

— Fonds communautaire de garantie des bâtiments scolaires Gemeenschappelijk Waarborgfonds voor Schoolgebouwen,

— Fonds d'aide médicale urgente Fonds voor Dringende Geneeskundige Hulp,

— Fonds des accidents du travail Fonds voor Arbeidsongevallen,

— Fonds des maladies professionnelles Fonds voor Beroepsziekten,

— Fonds des routes Wegenfonds,

— Fonds d'indemnisation des travailleurs licenciés en cas de fermeture d'entreprises Fonds tot Vergoeding van de in geval van Sluiting van Ondernemingen Ontslagen Werknemers,

— Fonds nationaal de garantie pour le réparation de dégâts houillers Nationaal Waarborgfonds inzake Kolenmijnschade,

— Fonds national de retraite des ouvriers mineurs National Pensioenfonds voor Mijnwerkers,

— Fonds pour le financement des prêts à des États étrangers Fonds voor Financiering van de Leningen aan Vreemde Staten,

— Fonds pour la rémunération des mousses enrôlés à bord des bâtiments de pêche Fonds voor Scheepsjongens aan Boord van Vissersvaartuigen,

— Fonds wallon d'avances pour la réparation des dommages provoqués par des pompages et des prises d'eau souterraine Waals Fonds van Voorschotten voor het Herstel van de Schade veroorzaakt door Grondwaterzuiveringen en Afpompingen,

— Institut d'aéronomie spatiale Instituut voor Ruimte-aëronomie,

— Institut belge de normalisation Belgisch Instituut voor Normalisatie,

— Institut bruxellois de l'environnement Brussels Instituut voor Milieubeheer,

— Institut d'expertise vétérinaire Instituut voor Veterinaire Keuring,

— Institut économique et social des classes moyennes Economisch en Sociaal Instituut voor de Middenstand,

— Institut d'hygiène et d'épidémiologie Instituut voor Hygiëne en Epidemiologie,

— Institut francophone pour la formation permanente des classes moyennes Franstalig Instituut voor Permanente Vorming voor de Middenstand,

Institut géographique national Nationaal Geografisch Instituut,

— Institut géotechnique de l'État Rijksinstituut voor Grondmechanica,

— Institut national d'asurance maladie-invalidité Rijksinstituut voor Ziekte- en Invaliditeitsverzekering,

— Institut national d'assurances sociales pour travailleurs indépendants Rijksinstituut voor de Sociale Verzekeringen der Zelfstandigen,

— Institut national des industries extractives Nationaal Instituut voor de Extractiebedrijven,

— Institut national des invalides de guerre, anciens combattants et victimes de guerre Nationaal Instituut vor Oorlogsinvaliden, Oudstrijders en Oorlogsslachtoffers,

— Institut pour l'amélioration des conditions de travail Instituut voor Verbetering van de Arbeidsvoorwaarden,

— Institut pour l'encouragement de la recherche scientifique dans l'industrie et l'agriculture Instituut tot Aanmoediging van het Wetenschappelijk Onderzoek in Nijverheid en Landbouw,

— Institut royal belge des sciences naturelles Koninklijk Belgisch Instituut voor Natuurwetenschappen,

— Institut royal belge du patrimoine artistique Koninklijk Belgisch Instituut voor het Kunstpatrimonium,

— Institut royal de météorologie Koninklijk Meteorologisch Instituut,

— Enfance et famille Kind en Gezin,

— Compagnie des installations maritimes de Bruges Maatschappij der Brugse Zeevaartinrichtingen,

— Mémorial national du fort de Breendonck Nationaal Gedenkteken van het Fort van Breendonck,

— Musée royal de l'Afrique centrale Koninklijk Museum voor Midden-Afrika,

— Musées royaux d'art et d'historie Koninklijke Musea voor Kunst en Geschiedenis,

— Musées royaux des beaux-arts de Belgique Koninklijke Musea voor Schone Kunsten van België,

— Observatoire royal de Belgique Koninklijke Sterrenwacht van België,

— Office belge de l'économie et de l'agriculture Belgische Dienst voor Bedrijfsleven en Landbouw,

— Office belge du commerce extérieur Belgische Dienst vor Buitenlandse Handel,

— Office central d'action sociale et culturelle au profit des membres de la communauté militaire Centrale Dienst voor Sociale en Culturele Actie ten behoeve van de Leden van de Militaire Gemeenschap,
— Office de la naissance et de l'enfance Dienst voor Borelingen en Kinderen,
— Office de la navigation Dienst voor de Scheepvaart,
— Office de promotion du tourisme de la Communauté française Dienst voor de Promotie van het Toerisme van de Franse Gemeenschap,
— Office de renseignements et d'aide aux familles des militaires Hulp- en Informatiebureau voor Gezinnen van Militairen,
— Office de sécurité sociale d'outre-mer Dienst voor Overzeese Sociale Zekerheid,
— Office national d'allocations familiales pour travailleurs salariés Rijksdienst voor Kinderbijslag voor Werknemers,
— Office national de l'emploi Rijksdienst voor de Arbeidsvoorziening,
— Office national des débouchés agricoles et horticoles Nationale Dienst voor Afzet van Land- en Tuinbouwprodukten,
— Office national de sécurité sociale Rijksdienst voor Sociale Zekerheid,
— Office national de sécurité des administrations provinciales et locales Rijksdienst voor Sociale Zekerheid van de Provinciale en Plaatselijke Overheidsdiensten,
— Office national des pensions Rijksdienst voor Pensioenen,
— Office national des vacances annuelles Rijksdienst voor de Jaarlijkse Vakantie,
— Office national du lait Nationale Zuiveldienst,
— Office régional bruxellois de l'emploi Brusselse Gewestelijke Dienst voor Arbeidsbemiddeling,
— Office régional et communautaire de l'emploi et de la formation Gewestelijke en Gemeenschappelijke Dienst voor Arbeidsvorziening en Vorming,
— Office régulateur de la navigation intérieure Dienst voor Regeling der Binnenvaart,
— Société publique des déchets pour la Région flamande Openbare Afvalstoffenmaatschappij voor het Vlaams Gewest,
— Orchestre national de Belgique Nationaal Orkest van Belgie,
— Organisme national des déchets radioactifs et des matières fissiles Nationale Instelling voor Radioactief Afval en Splijtstoffen,
— Palais des breaux-arts Paleis voor Schone Kunsten,
— Pool des marins de la marine marchande Pool van de Zeelieden ter Koopvaardij,
— Port autonome de Charleroi Autonome Haven van Charleroi,
— Port aunonome de Liège Autonome Haven van Luik,
— Port autonome de Namur Autonome Haven van Namen,
— Radion et télévision belges de la Communauté française Belgische Radio en Televisie van de Franse Gemeenschap,
— Régie des bâtiments Regie der Gebouwen,
— Régie des voies aériennes Regie der Luchtwegen,
— Régie des postes reige der Posterijen,
— Régie des télégraphes et des téléphones Regie van Telegraaf en Telefoon,
— Conseil économique et social pour la Flandre Sociaal-economische Raad voor Vlaanderen,
— Société anonyme du canal et des installations maritimes de Bruxelles Naamloze Vennootschap "Zeekanaal en Haveninrichtingen van Brussel",
— Société du logement de la Région bruxelloise et sociétés argéées Brusselse Gewestelijke Huisvestingsmaatschappij en erkende maatschappijen,
— Société nationale terrienne Nationale Landmaatschaapij,
— Théâtre royal de la Monnaie De Koninklijke Muntschouwburg,
— Universités relevant de la Communauté flamande Universiteiten afhangende van de Vlaamse Gemeenschap,
— Universités relevant de la Communauté française Universiteiten afhangende van de Franse Gemeenschap,
— Office flamand de l'emploi et de la formation professionnelle Vlaamse Dienst voor Arbeidsvoorziening en Beroepsopleiding,
— Fonds flamand de construction d'institutions hospitalières et médico-sociales Vlaams Fonds voor de Bouw van Ziekenhuizen en Medisch-Sociale Instellingen,
— Société flamande du logement et sociétés agréées Vlaamse Huisvestingsmaatschappij en erkende maatschappijen,
— Société régionale wallone du logement et sociétés agréées Waalse Gewestelijke Maatschappij voor de Huisvesting en erkende maatschappijen,
— Société flamande d'éputation des eaux Vlaamer Maatschappij voor Waterzuivering.
— Fonds flamand du logement des familles nombreuses Vlaams Woningfonds van de Grote Gezinnen.

Kategoriji

— les centres publics d'aide sociale,

— les fabriques d'église (kunsilli tal-knisja).

II. ID-DANIMARKA

Korpi

— Københavns Havn,

— Danmarks Radio,

— TV 2/Danmark,

— TV2 Reklame A/S,

— Danmarks Nationalbank,

— A/S Storebaeltsforbindelsen,

— A/S OEresundsforbindelsen (alene tilslutningsanlæg i Danmark),

— Koebenhavns Lufthavn A/S,

— Byfornyelsesselskabet Koebenhavn,

— Tele Danmark A/S with subsidiaries:

— Fyns Telefon A/S,

— Jydsk Telefon Aktieselskab A/S,

— Kjoebenhavns Telefon Aktieselskab,

— Tele Soenderjylland A/S,

— Telecom A/S,

— Tele Danmark Mobil A/S.

Kategoriji

— De kommunale havne (municipal ports),

— Andre Forvaltningssubjekter (other public administrative bodies).

III. IL-ĠERMANJA

1. Persuni legali rregolati minn liġi pubblika

L-Awtoritajiet, l-istabbilimenti u l-fundazzjonijiet rregolati minn liġi pubblika u maħluqa minn awtoritajiet federali, Statali jew lokali b'mod partikolari fis-setturi li ġejjin:

1.1. *Awtoritajiet*

— Wissenschaftliche Hochschulen und verfasste Studentenschaften (universitajiet u korpi stabbiliti għall-istudenti),

